

# Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta

u  
l-protezzjoni ta' dejta personali  
f'istituzzjonijiet u korpi  
Komunitarji

*Kull istituzzjoni tipproċessa dejta personali.  
Din tista' tkun tiegħek ...*



[www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu)

# Werrej

Għaliex il-protezzjoni tad-dejta hija importanti?	2
Min hu l-KEPD?	4
X'inhuma d-dmirijiet tal-KEPD?	5
X'inhuma d-drittijiet tiegħi?	7
X'inhu r-rwol tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta?	9
Kif nista' nwassal ilment quddiem il-KEPD?	11

## Għaliex il-protezzjoni tad-dejta hija importanti?

Kuljum, fl-amministrazzjoni tal-UE, tiġi pproċessata informazzjoni personali. Attivitàjiet ta' reklutaġġ, l-evalwazzjoni tal-persunal, il-ġbir ta' dejta dwar is-saħħa f'fajls mediċi, l-istabbiliment ta' sistemi ta' ġestjoni tal-ħin u s-sorveljanza bil-vidjo huma biss ftit eżempji.

Għalkemm ħafna drabi, l-informazzjoni personali maħżuna dwarek isservi biss għal skopijiet leġittimi mingħajr l-ebda konsegwenza oħra, hija għandha wkoll **ir-riskji** tagħha. Jekk tali informazzjoni mhijiex eżatta, hija skaduta jew tiġi żvelata lill-persuna żbaljata, il-ħsara li ssirlek tista' tkun kemmxejn serja. Tista' tiġi rrifjutat kuntratt professjonali inġustament, jistgħu bi żball jaħsbuk persuna oħra u tiġi rrifjutat l-aċċess f'binj, tista' tingħata t-tort għal kxi mhux awtorizzat ta' informazzjoni, jew tista' anke ssir vittma ta' serq ta' identità.

Għalhekk, il-membri kollha tal-persunal tal-UE huma kkonċernati u jeħtieġ li jkunu konxji tad-**drittijiet u l-obbligi** tagħhom dwar il-protezzjoni tad-dejta. Barra dan, il-pubbliku inġenerali jista' wkoll jitħasseb jekk huwa jafda informazzjoni personali f'idejn istituzzjonijiet u korpi Komunitarji.

Il-protezzjoni tad-dejta hija **dritt fundamentali**, imħares mhux biss mil-leġislazzjoni nazzjonali, iżda wkoll mid-dritt Ewropew. Dan id-dritt jinsab fl-Artikolu 8 tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali** tal-Unjoni Ewropea.

Il-promozzjoni ta' **'kultura dwar il-protezzjoni tad-dejta'** fl-istituzzjonijiet u l-korpi tikkontribwixxi għal titjib fil-governanza tajba. Barra dan, l-integrazzjoni ta' salvagwardji tal-protezzjoni tad-dejta fil-leġislazzjoni u l-linji politiċi tal-UE, kull fejn huwa rilevanti, hija kondizzjoni bażika għas-suċċess tagħhom.




### \* X'nifmhu b' 'dejta personali'?

Kull informazzjoni dwar persuna fiżika tista' tkun ikkunsidrata dejta personali jekk il-persuna hija identifikata jew identifikabbli.



Il-persuna hija jew identifikata direttament permezz tal-isem jew inkella hija identifikabbli minn identifikatur (pereżempju numru ta' referenza) jew minn taħlita ta' aspetti speċifiċi għall-identità tal-persuna (pereżempju l-età, in-nazzjonalità, il-funzjoni).

Eżempji ta' dejta personali huma ismijiet, dati tat-twelid, ritratti, indirizzi tal-posta elettronika, numri tat-telefon u numri personali. Dettalji oħra bħalma huma d-dejta dwar is-saħħa, id-dejta użata għal skopijiet ta' evalwazzjoni, id-dejta dwar it-traffiku fl-użu tal-Internet huma wkoll meqjusa bħala dejta personali.



## Min hu l-KEPD?

Il-KEPD huwa awtorità indipendenti. Peter Hustinx u Giovanni Buttarelli huma membri tal-istituzzjoni. Huma ġew maħtura Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD) u Assistent Kontrollur permezz ta' deċiżjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Huma ħadu l-kariga tagħhom f'Jannar 2009, u nġhatalhom mandat ta' ħames snin.

Il-missjoni tagħhom hija li jiżguraw li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali huwa rrispettat mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji.



### **Peter Hustinx**

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*

Peter Hustinx ilu fil-kariga ta' Kontrollur sa minn Jannar 2004, u matul dan iż-żmien ikkontribwixxa fil-ħolqien tal-awtorità ta' kontroll ġdida u fl-iżvilupp tar-rwol tagħha fil-livell Komunitarju. Huwa ġie maħtur mill-ġdid għat-tieni mandat ta' ħames snin f'Jannar 2009.

Qabel il-ħatra tiegħu bħala Kontrollur, is-Sur Hustinx ħadem bħala President tal-Awtorità

Olandiża tal-Protezzjoni tad-Dejta mill-1991. Bejn l-1966 u l-2000, huwa kien il-President tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, korp konsultattiv tal-UE magħmul minn awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta.



### **Giovanni Buttarelli**

*Assistent Kontrollur*

Giovanni Buttarelli ħa l-kariga tiegħu bħala Assistent Kontrollur f'Jannar 2009.

Qabel il-ħatra tiegħu bħala Assistent Kontrollur, is-Sur Buttarelli ħadem bħala Segretarju Ġenerali tal-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta mill-1997. Bejn l-2002 u l-2003, huwa kien il-President tal-Awtorità ta' Sorveljanza

Konġunta ta' Schengen, wara li kien il-Viċi President tagħha.

# X'inhuma d-dmirijiet tal-KEPD?

## Tajjeb li tkun taf:

Il-KEPD għandu kompetenza biss fejn tidħol dejta pproċessata minn istituzzjonijiet u korpi Komunitarji. Huwa **m'għandu ebda kompetenza** fi kwistjonijiet fuq **livell nazzjonali** u, għaldaqstant, ma għandu l-ebda setgħa ta' kontroll fuq l-ipproċessar ta' dejta personali minn awtoritajiet nazzjonali jew minn kumpanniji privati.

L-oġġettiv ġenerali tal-KEPD huwa li jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jirrispettaw id-dritt għall-privatezza meta huma jipproċessaw dejta personali jew jiżviluppaw linji politiċi ġodda. It-tliet oqsma prinċipali tal-ħidma huma elenkati hawn taħt.

## 1. Superviżjoni

- Il-monitoraġġ tal-ipproċessar ta' dejta personali f'istituzzjonijiet u korpi Komunitarji. Il-KEPD jagħmel dan f'kooperazzjoni mal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta li hemm preżenti f'kull istituzzjoni jew korp Komunitarju.
- Is-smiġħ u l-investigazzjoni tal-ilmenti magħmula minn individwi li d-dejta tagħhom hija pproċessata minn istituzzjonijiet u korpi Ewropej, inklużi membri tal-persunal tal-amministrazzjoni tal-UE.
- It-tmexxija ta' inkjesti u ta' spezzjonijiet fuq il-post, sew jekk fuq l-inizjattiva tiegħu sew jekk abbażi ta' lment.

## 2. Parir

- Jagħti parir lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji dwar il-kwistjonijiet kollha li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali. Il-KEPD joħroġ opinjonijiet dwar proposti leġislattivi relatati mal-protezzjoni tad-dejta personali.
- Il-monitoraġġ ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda li jistgħu jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta.
- L-intervent fi proċedimenti mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

### 3. Kooperazzjoni

- Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta sabiex tkun promossa konsistenza fil-protezzjoni tad-dejta fl-Ewropa kollha.
- Kooperazzjoni ma' korpi ta' sorveljanza stabbiliti fil-kuntest ta' bażijiet ta' dejta fuq skala kbira bħall-Eurodac — bażi tad-dejta ta' marki tas-swaba' diġitali ta' dawk li jitolbu asil.

#### **Id-differenza bejn il-KEPD u l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta**

Il-KEPD għandu l-kompetenza li jissorvelja u jagħti parir lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji.

Fl-Istati Membri, kompiti simili huma mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta u, f'uħud mill-pajjiżi, mill-awtoritajiet reġjonali wkoll. Ġeneralment, il-kompiti tagħhom jestendu għall-ipproċessar ta' dejta mis-settur privat.

Il-KEPD jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali, pereżempju fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, iżda huwa m'għandux pożizzjoni aktar għolja mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali.

#### **Il-KEPD fir-rwol konsultattiv tiegħu**

Matul l-ewwel mandat, il-KEPD ħareġ kważi 50 opinjoni legiſlattiva dwar suġġetti importanti għall-protezzjoni tad-dejta.

Fost il-kwistjonijiet li ġew ittrattati kien hemm id-deċiżjoni qafas dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-qasam tal-pulizija u l-ġustizzja, id-direttiva dwar iż-żamma ta' dejta dwar it-telekomunikazzjoni, id-direttiva dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, il-bdil ta' dejta mal-Istati Uniti, id-direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, u l-komunikazzjoni dwar l-identifikazzjoni permezz ta' frekwenza tar-radju (RFID).

# X'inhuma d-drittijiet tiegħi?

## Jien intitolat/a li nkun naf jekk istituzzjoni jew korp Komunitarju humiex jipproċessaw dejta li tikkonċerna lili?

Iva. Il-**kontrollur tad-dejta** jrid jipprovvdilek, minn qabel jew malli d-dejta tkun għet irreġistrata, informazzjoni li tinkludi:

- **I-identità** tal-kontrollur tad-dejta;
- **I-għan** tal-operazzjoni tal-**ipproċessar**;
- **min qed jirċievi** d-dejta;
- **id-drittijiet tiegħek** bħala persuna li d-dejta tagħha qed tiġi pproċessata.

## Jien intitolat/a nivverifika d-dejta relatata miegħi li qed tiġi pproċessata mill-istituzzjonijiet?

Iva. Inti għandek id-dritt tikseb, mingħajr ħlas, mingħand il-kontrollur:

- **aċċess** għad-dejta personali tiegħek u għal ċerta informazzjoni li tikkonċerna l-ipproċessar (skop tal-ipproċessar, id-dejta kkonċernata, min huma dawk li lilhom qed tiġi żvelata d-dejta, eċċ.);
- ir-**rettifika** ta' dejta mhux preċiża jew mhux kompluta;
- l-**ibblokkar** jew it-**tħassir** ta' dejta f'ċerti ċirkostanzi.



## Għandi d-dritt noġġezzjona għall-ipproċessar tad-dejta tiegħi?

Int intitolat/a li toġġezzjona fi kwalunkwe mument, **abbażi ta' raġunijiet serji u leġittimi**, għall-ipproċessar tad-dejta relatata miegħek.

Inti għandek id-dritt ukoll li tiġi infurmat/a qabel ma d-dejta tiegħek tiġi żvelata għall-ewwel darba lil partijiet terzi jew — qabel ma tintuża f'isimhom — għall-finijiet ta' marketing dirett. Int intitolat/a li toġġezzjona għal tali żvelar jew użu.

## X'nista' nagħmel f'każ ta' problema?

- L-ewwel nett, **innotifika** lill-**kontrollur tad-dejta** responsabbli għall-ipproċessar u staqsih(a) sabiex j/tieġu azzjoni.
- Jekk inti ma tikseb l-ebda tweġiba jew jekk inti m'intix soddisfatt biha, **ikkuntattja** lill-**uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta** tal-istituzzjoni jew korp ikkonċernat (il-lista tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta tinsab fuq il-websajt tal-KEPD).
- Inti tista' wkoll **tagħmel ilment mal-KEPD**, li mbgħad jeżamina t-talba tiegħek u jadotta l-miżuri meħtieġa (ara 'Kif nista' nwassal ilment quddiem il-KEPD?').
- Inti tista' tappella kontra deċiżjoni tal-KEPD quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

### Kliem ewlenin:

**Ipproċessar:** kwalunkwe operazzjoni mwettqa fuq dejta personali, sew jekk permezz ta' mezzi awtomatiċi kif ukoll jekk le: il-ġbir, ir-reġistrazzjoni, il-ħżin, il-bdil, il-konsultazzjoni, l-iżvelar, l-ibblukkar, eċċ.

**Kontrollur tad-dejta:** entità amministrattiva (pereżempju direttorat ġenerali jew unità tal-Kummissjoni Ewropea) jew persuna li tiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' dejta personali f'isem istituzzjoni jew korp.

**Għal aktar informazzjoni:** jekk jogħġbok ara ir-regolament dwar il-protezzjoni tad-dejta (ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001), li jipprovdi l-qafas legali għall-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji.



# X'inhu r-rwol tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta?



Kull istituzzjoni u korp Komunitarju għandhom jaħtru uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta (DPO). Id-DPO huwa responsabbli li jiżgura, b'mod indipendenti, li l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernati jirrispettaw l-obbligi tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta.

Id-DPO huwa figura ewlenija li tinforma lill-kontrolluri u lis-suġġetti tad-dejta dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u jikkoopera mal-KEPD fil-qasam tal-konformità mar-regolament dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Huwa l-kontrollur li jippreżenta n-notifiki sabiex ikunu vverifikati minn qabel lill-KEPD.

F'diversi każijiet, huwa jservi bħala punt ta' kuntatt bejn il-KEPD u l-kontrollur tal-operazzjoni tal-ipproċessar.

Id-DPO jista' jipprovdi tagħrif utli fil-qasam tal-ilmenti, u jipprovdi informazzjoni dwar l-istat attwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji fir-rigward tal-konformità mar-regolament.

Il-KEPD u d-DPOs jiltaqgħu regolarment, bilateralment jew inkella matul laqgħat tan-netwerk tad-DPOs.



## **Kliem ewlenin:**

**Obbligi tal-protezzjoni tad-dejta:** L-obbligi mogħtija lill-persuna jew l-entità amministrattiva li tipproċessa dejta personali. Dawn jinkludu l-obbligu li tingħata ċerta informazzjoni lill-persuna li d-dejta tagħha qed tiġi pproċessata; li jkun iffaċilitat l-aċċess għad-dejta tagħha kif ukoll l-eżerċizzju ta' drittijiet oħra, bħar-rettifika u t-tħassir; u li jkun żgurat li hemm miżuri ta' sigurtà adegwati fis-seħħ.

**Notifika:** avviż bil-quddiem, mogħti lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta, dwar kwalunkwe operazzjoni tal-ipproċessar ta' dejta personali li sseħħ fl-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernati. L-operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi għandhom ikunu ddikjarati wkoll lill-KEPD. Din hija kkwalifikata bħala notifika għal verifika minn qabel.

**Verifika minn qabel:** verifika mwettqa mill-KEPD sabiex jeżamina jekk l-ipproċessar ta' dejta sensittiva (pereżempju dejta relatata mas-saħħa) tirriflettix id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fir-regolament dwar il-protezzjoni tad-dejta. Il-verifika minn qabel mill-KEPD tiegħu l-għamla ta' opinjoni li fiha huwa jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernati sabiex tkun żgurata l-konformità.

**Regolament dwar il-protezzjoni tad-dejta:** Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità.



## **Kif nista' nwassal ilment quddiem il-KEPD?**

### **Min jista' jagħmel ilment lill-KEPD?**

**Kull persuna** li tikkunsidra li d-drittijiet tagħha ġew miksura meta istituzzjoni jew korp Komunitarju pproċessaw dejta relatata magħha tista' tagħmel ilment mal-KEPD.



L-ipproċessar ta' dejta personali mwettaq minn awtoritajiet nazzjonali jew minn entitajiet privati ma jaqax taħt il-kompetenza tal-KEPD. Barra minn hekk, il-KEPD m'għandux il-funzjoni ta' awtorità ta' appell għall-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta u d-deċiżjonijiet tagħhom, għalhekk, ma' jstgħux ikunu kkontestati quddiem il-KEPD.

## Kif jista' jkun ippreżentat ilment?

L-ilment għandu jintbagħat bil-miktub (permezz ta' ittra elettronika jew bil-posta) fl-indirizz li ġej:

### **Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta**

Rue Wiertz 60

1047 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

edps@edps.europa.eu

Huwa essenzjali li tisemma l-informazzjoni rilevanti kollha u li jkunu mehmużin id-dokumenti kollha meħtieġa għall-inkjesta.

## Kif jiġu ttrattati l-ilmenti mill-KEPD?

Bħala prinċipju, l-ilmenti kollha jiġu ttrattati **b'kunfidenzjalità**.

Jekk ilment jirriżulta ammissibbli, il-KEPD iwettaq **inkjesta** jekk jaħseb li dan ikun adatt.

Jekk ikun possibbli, il-KEPD jaħdem sabiex tinstab **soluzzjoni amikevoli** bejn min jagħmel l-ilment u l-istituzzjoni jew il-korp Komunitarju kkonċernati. Jekk le, id-deċiżjoni tintbagħat lil min jagħmel l-ilment kif ukoll lill-istituzzjoni jew korp ikkonċernati li huma responsabbli għall-ipproċessar tad-dejta.

Is-**setgħat superviżorji** tal-KEPD huma wiesa', u jvarjaw mis-sempliċi għoti ta' **parir** lill-persuna li d-dejta tagħha ġiet ipproċessata, għal **twissija jew twiddiba** lill-istituzzjoni kkonċernata, għall-**impożizzjoni ta' projbizzjoni** fuq l-ipproċessar, jew it-tressiq tal-kwistjoni quddiem il-**Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej**.

# [www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu)

Photo credits:  
European Communities, page 4;  
image100 Ltd., page 7;  
iStockphoto, page 10;  
Jupiterimages Corporation, page 3

Ħafna informazzjoni addizzjonali  
dwar l-Unjoni Ewropea hija  
disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir  
aċċess għalha permezz tas-server  
Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab  
fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-  
Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni  
Ewropea, 2009

ISBN: 978-92-95073-40-1  
doi: 10.2804/29157

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-  
il darba jissewma s-sors oriġinali.


*Printed in Germany*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-95073-40-1



9 789295 073401